**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 255/15 AL

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi hija zzewwget lill-intimat fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007) – certifikat taz-zwieg anness u markat bhala Dok 'A';

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;

Illi minkajja li l-esponenti u l-intimat isseparaw legalament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), anness u markat bhala Dok B, illum

il-gurnata ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom *de facto* separati;

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas arretrati ta' manteniment billi l-partijiet irrinunzjaw irrevokabbilment ghad-dritt taghhom li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat CD, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat in-nota tal-intimat minnu ikkonfermata bil-gurament, li permezz taghha iddikjara li ma jopponix ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Novembru 2014, izda ilhom aktar minn erba' snin de facto separati;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.